MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008

Numru 43/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Martin Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 43 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Martin Spiteri, kif emendat bil-korrezzjonijiet ordnati bid-Digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Gunju, 2008 u li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fl-20 ta' Ottubru, 2005 Martin Spiteri, li kien jahdem barra min Malta, wasal Malta ghal xi 1pm minn Frankfurt fuq titjira LH4106. Illi mohbija fil-bagalji tieghu instabu 988.4 grammi amphetamine u 9.2 grammi cannabis li hu importa f'Malta illegalment. Illi aktar tard fl-istess gurnata saret tfixxija mill-Pulizija fir-residenza tieghu iz-Zejtun u nstabu fil-pusses illegali tieghu 3.79 grammi kokajina, hames pilloli ecstasy u 5.03 grammi ohra cannabis.

Illi ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l- Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, li tawttorizza l- importazzjoni tad-droga perikoluza (amphetamine) msemmija.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Martin Spiteri sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (amphetamine) f'Malta w cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Martin Spiteri, hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (amphetamine) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat w illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (LM200) izda mhux izjed minn ghaxart elef lira (LM10,000), u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 120A(1)(a), 2(a)(i)(ii), (2A); 40A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Avvizi Legali 22/85 (Regolament 5(1)) 70/88 u 183/99 kif ukoll 22A, 22B, 22E, 27 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) u fl-artikoli 25 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza w cioe' fl-20 t' Ottubru, 2005 Martin Spiteri kellu fil-pussess illegali tieghu 988.4 grammi amphetamine. Illi din id-droga ma kienitx ghal-uzu personali w esklussiv tieghu imma ntiza biex tigi processata w traffikata f'Malta.

Illi l-imsemmija amphetamine, hija medicina kkontrollata w ristretta bil-ligi w taqa taht it-Tielet Skeda, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, w l-imsemmi Martin Spiteri ma kellu ebda permess w awtorizzazjoni skond l-imsemmija ligi sabiex ikollu fil-pussess tieghu l-imsemija sustanza.

Illi b' ghemilu l-imsemmi Martin Spiteri sar hati talli kellu fil-pussess tieghu il-medicina perikoluza amphetamine li hija kkontrollata w ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, tal-Ordinanza dwar l-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill imsemmi Martin Spiteri hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga amphetamine li hija ikkontrollata w ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, tal-Ordinanza Dwar il-Professjonijiet Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza, b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn

ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn mitejn lira (LM200) izda mhux izjed minn ghaxart elef lira (LM10,000), u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprieta mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 120A(1)(a), 2(a)(i)(ii), (2A); 40A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Avvizi Legali 22/85 (Regolament 5(1)) 70/88 u 183/99 kif ukoll 22A, 22B, 22E, 27 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) u fl-artikoli 25 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap tal-att tal-akkuza w cioe' fl-20 ta’ Ottubru, 2005, Martin Spiteri mporta illegalment f’Malta 9.2 grammi tal-pjanta cannabis.

Illi l-pjanta cannabis hija medicina perikoluza kkontrollata bil-Ligi taht l- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi; u ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga skond l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Martin Spiteri sar hati talli, importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi importata medicina perikoluza (pjanta cannabis kollha jew bicca minnha) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga skond l- imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Martin Spiteri hati talli importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi mportata medicina perikoluza (pjanta cannabis kollha jew bicca minnha) f’Malta bi ksur

tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni, mahruga skond l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat w illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar r-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikolu 7, 8(a), 22(l)(a)(lB)(2)(l)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar l-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-Artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel kap tal att tal-akkuza w cioe' fl-20 ta' Ottubru, 2005, Martin Spiteri kien fil-pusses illegali tal-pjanta cannabis.

Il-pjanta cannabis hija kkontrollata bil-ligi I l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, w Martin Spiteri ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Martin Spiteri sar hati talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja

mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292\39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali akkuza lill-imsemmi Martin Spiteri hati talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292\39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ta mhux inqas minn tnax il-xahar u mhux aktar minn ghaxar snin prigunerija w multa ta mhux anqas minn mitejn lira izda mhux aktar minn ghaxart elef lira w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar r-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u proprjeta' tkun ghaddiet ghand terzi persuni, w anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta' mobbli jew proprjeta' immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(d), 12, 13, 14, 15A, 20, 22(1)(1B), 22(2)(a)(ii), (3)(3A)(5)(9), 22(E), 25, 26, 28, u 30 tal-Kapitolu 101, u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292\39) u fl-artikoli 23, 22, 20, 17(h) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

5) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames kap illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza w cioe' fl-20 t' Ottubru, 2005, Martin Spiteri kien fil-pussess illegali ta' hames pilloli Ecstasy.

L-imsemmija pilloli ecstasy, li fihom is-sustanza methylenedioxymethamphetamine, li hija designer drug maghrufa bhala MDMA, huma kkontrollati w ristretti bil-ligi taht it-tielet skeda, parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, w l- imsemmi Martin Spiteri ma kellu ebda permess u awtorizzazzjoni skond l-imsemmija ligi sabiex ikollu fil-pusses tieghu l-imsemmija pilloli w sustanza.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Martin Spiteri sar hati talli kellu pussess ta' medicina perikoluza bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 31 tal- Ligijiet ta' Malta

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Martin Spiteri hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga psikotropika Ecstacy kontenenti is-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, li huma kkontrollati w ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Part A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjonijiet Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl- imsemija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat w illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ta mhux inqas minn tnax il-xahar u mhux aktar minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (LM 200) izda mhux izjed minn gharart elf lira Maltija (Lm10000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprieta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 120A(1)(a), 2(a)(ii); 40A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li

ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Avvizi Legali 22/85 (Regolament 5(1)) 70/88 u 183/99 kif ukoll 22A, 22B, 22E, 27 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) u fl-artikoli 25 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

6) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza w cioe' fl-20 t’ Ottubru, 2005, Martin Spiteri kien fil-pussess illegali tal-kokajina.

Is-sustanza kokajina hija ikkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta’ Malta, w Martin Spiteri ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b’eghmilhu l-imsemmi Martin Spiteri, sar hati talli xjentement kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, w meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lil Martin Spiteri, hati ta’ pussess tal-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta,w meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax il-xahar u mhux aktar minn ghaxar snin prigunerija w multa ta mhux anqas minn mitejn lira izda mhux aktar minn ghaxart elef lira w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u proprjeta’ tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u

anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta’ mobbli jew proprjeta’ mmobbli jkunu qeghdin f’xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u fl-artikoli 17(h), 22, 23, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ l-akkuzat tas-6 ta’ Dicembru, 2007 fejn huwa ssolleva s-segwenti eccezzjonijiet :

1. in-nullita’ ta’ l-ewwel kap ta’ l-att ta’ l-akkuza stante li r-reat hemm migjub ma jezistix fil-ligi;
2. bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, n-nullita’ ta’ l-ewwel kap ta’ l-att ta’ l-akkuza in kwantu r-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt, fis-sustanza, bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi;
3. bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, n-nullita’ ta’ l-ewwel kap ta’ l-att ta’ l-akkuza in kwantu l-fatt migjub ma jikkostitwix, fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt fl-istess kap;
4. bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, n-nullita’ ta’ l-ewwel kap ta’ l-att ta’ l-akkuza in kwantu l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ma giex citat;
5. bla pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, il-piena mitluba fl-ewwel kap ta’ l-att ta’ l-akkuza ma hijiex kontemplata fil-ligi;
6. bla pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, il-konfiska mitluba fl-ewwel kap ta’ l-att ta’ l-akkuza ma hijiex kontemplata fil-ligi;
7. bla pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, l-artikoli ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) citati fl-ewwel kap ta’ l-att ta’ l-akkuza huma rrilevanti;
8. in-nullita’ tat-tieni kap ta’ l-att ta’ l-akkuza stante li r-reat hemm migjub ma jezistix fil-ligi;
9. bla pregudizzju ghat-tmien eccezzjoni, n-nullita’ tat-tieni kap ta’ l-att ta’ l-akkuza in kwantu r-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt, fis-sustanza, bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi;

10. bla pregudizzju ghat-tmien eccezzjoni, n-nullita' tat-tieni kap ta' l-att ta' l-akuza in kwantu l-fatt migjub ma jikkostitwix, fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt fl-istess kap;
11. bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet 8, 9 u 10, il-piena mitluba fit-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza ma hijiex kontemplata fil-ligi;
12. bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet 8, 9 u 10, il-konfiska mitluba fit-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza ma hijiex kontemplata fil-ligi;
13. bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet 8, 9 u 10, l-artikoli ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) citati fit-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza huma rrilevanti;
14. in-nullita' tat-tielet kap ta' l-atti ta' l-akkuza in kwantu l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ma giex citat;
15. il-konfiska mnitluba fir-raba' kap ta' l-att ta' l-akkuza ma hijiex kontemplata fil-ligi;
16. in-nullita' tal-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu r-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt, fis-sustanza, bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi;
17. bla pregudizzju ghall-eccezzjoni 16, in-nullita' tal-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ma giex citat;
18. bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet 16 u 17, il-konfiska mitluba fil-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza ma hijiex kontemplata fil-ligi;
19. bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet 16 u 17, l-artikoli ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) citati fil-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza huma rrilevanti;
20. in-nullita' tas-sitt kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu r-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt, fis-sustanza, bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi;
21. bla pregudizzju ghall-eccezzjoni 20, in-nullita' tas-sitt kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ma giex citat;
22. bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet 20 u 21, il-konfiska mitluba fis-sitt kap ta' l-att ta' l-akkuza ma hijiex kontemplata fil-ligi.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Frar, 2008, li bih Dr. Barbara, ghall-prosekuzzjoni, ma oggezzjonax ghad-dokumenti esebiti mill-akkuzat (Dok. MS1 sa MS4).

Rat il-verbal li bih il-Qorti gibdet l-attenzjoni tad-difensur li hafna mill-eccezzjonijiet, jekk mhux kollha, ma humiex cari bizzejjed u ghalhekk jirrikjedu spjegazzjoni w amplifikazzjoni li pero' ma tistax tkun la estensjoni w lanqas sostituzzjoni tal-istess eccezzjonijiet skond il-gurisprudenza stabbilita. Ghalhekk tat erba' gimghat zmien lill-akkuzat biex b' Nota jispjega fis-sustanza l-eccezzjonijiet bla ma pero' jestendihom jew ivarjhom, bil-visto tal-kontro-parti, li kellha erbat gimghat ohra zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tal-istess seduta li bih Dr. Barbara, ghall-prosekuzzjoni, talab korrezzjoni fl-Att ta' l-Akkuza fis-sens li fl-ewwel u fit-tieni Kap kull fejn hemm riferenza ghad-droga perikoluza (Amphetamine), il-kelma *"perikoluza"* tigi sostitwita bil-kelma "*psikotropika"*.

Rat il-verbal li bih Dr. S. Tonna Lowell, ghall-akkuzat, oggezzjona ghal dawn il-korrezzjonijiet peress illi bihom dak li qed isir kien li jizdiedu zewg akkuzi li ma gewx originarjament dedotti fl-Att ta' l-Akkuza. Dawn it-tip ta' korrezzjonijiet ma kienux permessi w ghalhekk talab li l-Avukat Generali jindika l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issir din it-talba.

Rat li Dr. Barbara vverbalizza li din it-talba bl-ebda mod ma kienet tincidi fuq is-sustanza ta' l-Att ta' l-Akkuza li hija cara w tirrigwarda d-droga Amphetamine skond il-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-akkuzat tat-3 ta' Marzu , 2008 [b' timbru tar-registru li juri d-data hazina u cioe' 3 ta' Frar, 2008], li biha ghamel diversi elaborazzjonijiet fuq l-eccezzjonijiet preliminari tieghu.

Rat in-Nota Responsiva tal-Avukat Generali tas-26 ta' Marzu, 2008.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2008, li bih iz-zewg Avukati qablu li jiltaqghu biex, jekk ikun possibbli, jipprezentaw rikors konguntiv dwar xi korrezzjonijiet fl-Att

ta' l-Akkuza li jirrigwardaw biss il-piena w l-konfiska, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet tas-6 ta' Gunju, 2008, fejn talbu li fl-ewwel u t-tieni kapi, l-piena ta' prigunerija indikata ghandha tigi sostitwita bil-kliem: *"prigunerija ta' mhux inqas minn tnax il-xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (LM200) izda mhux izjed minn ghaxart elef lira (LM10,000) "* u, ghal kull buon fini, ntalab ukoll li fl-artikoli citati fil-kapi rispettivi, jizdied is-sub-inciz *(ii)* wara 120A (1) (a) 2 (a) (i) biex tigi riflessa l-piena applikabbli, w dan bla pregudizzju ghall-pozizzjoni tal-partijiet dwar l-eccezzjonijiet preliminari.

Rat id-Digriet taghha tal-istess data li bih laqghet it-talba w ordnat il-korrezzjonijiet mitluba, b' dan li l-Att ta' l-Akkuza, kif korrett, kellu jerga' jigi notifikat mill-gdid lill-akkuzat, ghal kull buon fini.

Rat illi meta rega' gie notifikat l-Att ta' l-Akkuza, kif emendat, mill-gdid, xorta wahda ma gietx inkluza l-emenda konsistenti fl-inserzjoni tas-subinciz "*(ii)*" wara l-artikoli "120A (1) (a) 2 (a) (i)", kif minnha ordnat.

Rat id-Digriet ulterjuri taghha tas-16 ta' Settembru, 2008, biex terga' ssir notifika mill-gdid tal-Att ta' l-Akkuza, kif korrettement emendat, lill-akkuzat.

Rat in-Nota tal-akkuzat tat-8 t' Ottubru, 2008, li biha ddikjara li, wara n-notifika mill-gdid ta' l-Att ta' l-Akkuza kif emendat in forza tad-Digriet ta' din il-Qorti, kien qieghed jirtira il-hames u l-hdax-il eccezzjoni tieghu, fil-waqt li kien qed izomm ferm il-pozizzjoni tieghu dwar l-eccezzjonijiet l-ohra.

Ikkonsidrat.

Illi jidher opportun li fl-ewwel lok din il-Qorti tidderimi l-kwistjoni dwar il-korrezzjoni ta' l-Att ta' l-Akkuza mitluba

mill-Avukat Generali fl-udjenza tal-14 ta' Frar, 2008, liema talba sabet l-oppozizzjoni tal-akkuzat. Il-korrezzjoni mitluba hi biex fl-ewwel u fit-tieni kap tal-att ta' l-akkuza, kull fejn hemm riferenza ghall-"droga perikoluza (amphetamina)" il-kelma "*perikoluza"* tigi sostitwita bil-kelma *"psikotropika"*. L-oppozizzjoni tal-akkuzat ghal dawn il-korrezzjonijiet hi ghaliex bihom dak li jkun qed isir hu li jkunu qed jizdiedu zewg akkuzi li ma gewx originarjament dedotti fl-att ta' l-akkuza.

Illi l-artikolu 597 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-Qorti Kriminali tista', sew *ex officio,* kemm ukoll fuq eccezzjoni tal-akkuzat, tordna l-korrezzjoni ta' l-att tal-akkuza, basta li dan isir qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew le: izda ebda haga m'ghandha tizdied fl-att ta' l-akkuza li tkun tista' taghmel izjed gravi r-reat. Is-subartikolu (2) jiddisponi li tali ordni jista' jinghata wkoll fuq talba tal-Avukat Generali kull meta jkun hemm zball jew difett fl-att ta' l-akkuza, ukoll meta, minhabba dan l-izball jew difett, l-akkuzat ikun ta l-eccezzjoni tan-nullita' ta' l-att ta' l-akkuza jew il-Qorti ex officio tkun qanqlet il-kwistjoni tan-nullita' ta' l-att ta' l-akkuza, f' liema kaz l-akkuzat l-akkuzat jista' jitlob li l-kawza tigi mhollija ghall-gurnata ohra, sabiex ilesti d-difiza.

Inoltre l-artikolu 599 (1) jaghti s-setgha lil din il-Qorti li, f' kull waqt tal-kawza, sakemm il-guri ma jaghtix il-verdett tieghu, tordna li jigi korreggut kull zball li, mill-provi li jingiebu fil-kawza, jinsab li sar fl-att ta' l-akkuza dwar ic-cirkostanzi ta' zmien, post u persuna, meta, fejn u kontra min sar ir-reat, jew dwar l-<u>indikazzjoni jew id-deskrizzjoni tal-hwejjeg li fuqhom sar ir-reat</u>. (sottolinear ta' din il-Qorti). Pero', l-proviso tal-istess subartikolu jiddisponi li m'ghandu jittiehed ebda qies ta' ebda haga li, minnhabba dik il-korrezzjoni, taghmel izjed gravi r-reat, kemm il-darba dan l-aggravament ma jkunx migjub espressament fl-att ta' l-akkuza .

Inoltre, jekk din il-Qorti tara li tali korrezzjoni tista' taghmel hsara lill-akkuzat fid-difiza tieghu, tista' fuq talba tal-akkuzat, tholl il-guri w thalli l-kawza ghall-gurnata ohra,

biex taghti zmien lill-akkuzat li jlesti d-difiza tieghu fuq l-att ta' l-akkuza hekk ikkorregut. (ara Appell Kriminali (Superjuri) **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb"** [22.4.2004] u ohrajn.)

Mill-qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni jidher car li dak li ma jistax isir mhux kull korrezzjoni li taghmel hsara lill-akkuzat fid-difiza tieghu, imma biss korrezzjonijiet li jaghmlu ir-reat izjed gravi. Ghalhekk anki jekk korrezzjoni tkun tista' tippregudika lill-akkuzat fid-difiza tieghu, din xorta wahda tista' ssir, sakemm ma tirrendix ir-reat aktar gravi w tali aggravament ma jkunx diga' misjub espressament fl-Att ta' l-akkuza.

Issa fil-kaz in ezami, fl-ewwel u t-tieni kapi ta' l-att ta' l-akkuza, l-akkuzat qed jigi mixli rispettivament b' importazzjoni w pussess mhux ghall-uzu esklussiv tieghu tal-medicina perikoluza (amphetamine) bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta. F' kull kap l-Avukat Generali originarjament kien talab li l-piena li kellha tinghata kellha tkun dik ta' *"prigunerija ghall-ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira (LM1000) u mhux izjed minn hamsin elf lira (LM50,000)."*

Gara pero' li fil-mori tat-trattazzjoni tal-eccezzjonijiet preliminari quddiem din il-Qorti il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li kellha ssir korrezzjoni ohra fil-piena mitluba ghal dawn iz-zewg kapi, biex minnflok il-piena originarjament mitluba mill-Avukat Generali tidhol dik ta' prigunerija *"ta' mhux inqas minn tnax il-xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (LM200) izda mhux izjed minn ghaxart elef lira (LM10,000)"*, kif ukoll biex jigi inkluz is-sub, sub inciz (ii) tal-proviso tal-artikolu 120A (2)(a), wara is-sub, sub inciz (i), liema korrezzjoni saret bid-Digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Gunju, 2008.

Illi anki in vista' tal-korrezzjoni mitluba konguntivament mill-partijiet li diga' giet ordnata minn din il-Qorti, jidher car li l-korrezzjoni mitluba mill-Avukat Generali, mhux biss mhux ser tirrendi r-reat aktar gravi, izda ser tirrendih hafna inqas gravi, ghaliex issa bhala konsegwenza l-akkuzat ser

ikun jista' jibbenefika mic-cirkostanza li r-reat ma ghandux jibqa' konsidrat bhala wiehed li necessarjament jinkorri piena ta' prigunerija ghall-ghomor f' kaz ta' sejbien ta' htija, kif mahsub fl-art. 120A (2) (a) (i).

Illi huwa minnu li l-Kap. 31 ma jitkellimx fuq medicini perikoluzi izda fuq medicini psikotropici. Medicini perikoluzi jaqghu taht il-Kap.101. Pero' l-Kap.31 jaghmel distinzjoni bejn medicini psikotropici li huma elenkati taht it-Taqsima A u dawk li jaqghu taht it-Taqsima B. Di fatti l-amphetamina hija wahda mill-medicini psikotropici elenkati fit-Taqsima B tat-Tielet Skeda tal-Kap.31, li huma kontrollati skond l-artikolu 40A u r-Regolamenti li jsiru tahtu, mentri l-artikolu 120A (2) (a) (i) jikkoncerna r-reat ta' biegh jew traffikar ta' medicini msemmija fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda.
Illi mbaghad jidher car li mill-bidu nett l-Avukat Generali kien qed jitlob li tinstab htija w jinghata kastig taht il-Kap.31 fir-rigward ta' dawn iz-zewg kapi w li mhux qed jakkuza b' xi reati godda, ghax ir-reati kienu w ser jibqghu dawk ta' importazzjoni w pussess mhux ghall-uzu ta' medicina li taqa' taht il-Kap. 31. Ghalhekk l-akkuzat kien jaf mill-ewwel x' akkuzi kien qed jiffaccja apparti l-izball li issa ser jigi korrett

Ghalhekk zgur li l-pozizzjoni tal-akkuzat kemm bil-korrezzjoni li diga' giet ordnata kif ukoll b' din il-korrezzjoni in ezami qed isir aktar vantagguza ghax qed jiffaccja reat ferm inqas gravi kif anki hu rispekkjat fil-piena li issa qed tigi mitluba. Ghalhekk xejn ma josta li din il-Qorti tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni maghmula mill-Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' t-talba tal-Avukat Generali ghall-korrezzjoni mitluba kif ser jigi specifikat fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza li ssegwi.

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti issa ser tiddisponi *seriatim* mill-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat kif iccarati w spjegati aktar fid-dettall fin-nota tieghu tat-3 ta' Marzu, 2008.

Li in vista' tal-korrezzjoni appena ordnata fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-akkuza, **l-ewwel (1) eccezzjoni** issa hija infondata ghal ragunijiet ovvji w r-reat kif issa deskritt bhala importazzjoni ta' medicina psikotropika jezisti fil-ligi. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**It-tieni (2) eccezzjoni** hija ukoll infondata ghaliex ,apparti kull xebh li jista' jkun hemm fid-dicitura uzata fl-ewwel kap ma xi artikolu f' ligi ohra (f' dan il-kaz l-art. 15A tal-Kap.101), il-fatti kif migjuba zgur li jinkwadraw ruhom fir-reat ta' importazzjoni ta' medicina psikotropika w dan ghaliex ir-Regolament 4 (2) (i) tar-Regolamenti Dwar Kontroll tal-Medicini (A.L. 22/1985) proprju jghid li ebda persuna ma tista' timporta xi medicina specifikata minghajr licenzja specifika ghal hekk mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika. Ghalhekk ma jidher li hemm ebda difett jew nullita' intrinsika fil-mod kif dan ir-reat gie deskritt. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda, salv dak li ser jinghid dwar ir-raba' eccezzjoni.

Rigward **it-tielet (3) eccezzjoni**, ghalkemm huwa minnu li l-importazzjoni ta' 9.2 grammi cannabis ma taqax taht ir-reat kontemplat fl-ewwel kap, ma jistax jintqal li r-riferenza ghal dan hija superfluwa kif jargumenta l-akkuzat, ghaliex fin-narrazzjoni tal-fatti fil-parti narrativa ta' l-att ta' l-akkuza, l-Avukat Generali ghandu certa diskrezjoni x' jikteb u ma jiktibx, u jekk fil-fatt, l-akkuzat, skond l-Avukat Generali, importa Malta kemm amphetamine kif ukoll cannabis, ma hemm xejn x' izommu milli jsemmi dan fil-parti espozittiva tal-Ewwel Kap.  Inoltre in segwitu tal-korrezzjoni issa ordnata, hu car li r-reat taht l-ewwel kap hu dak ta' importazzjoni ta' medicina psikotropika bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.31 u mhux tal-Kap.101. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi ukoll respinta.

Dwar **ir-raba (4) eccezzjoni**, l-Avukat Generali ccita l-artikolu 40A u l-artikolu 120A(1)(a) (2) (a) (i) (ii) tal-Kap.31 u r-Regolament 5 (1) ta' l-Avviz Legali 70/88 u 183/99. L-artikolu 40A proprjament ma johloqx reati izda hu *enabling section* li taghti lill-Ministru responsabbli ghas-sahha s-setgha li jaghmel regolamenti biex jikontrollaw il-manifattura, l-esportazzjoni, l-importazzjoni, l-pussess, it-

tqassim u l-biegh ta' medicini psikotropici, li jissemmew fit-Tielet Skeda tal-Ordinanza. L-artikolu 120A fd-diversi sub-incizi w sub-sub incizi tieghu johloq ir-reati w jippreskrivi il-pieni diversi erogabbli skond ic-cirkostanzi, ghall-ksur ta' xi regolament maghmul taht l-artikolu 40A fuq imsemmi, kif ukoll johloq reati ohra elenkati fis-sub-sub incizi (1) (a), (b), (c), (d), (e) u (f).

Ir-Regolament 5 (1) tal-A.L. 22 tal-1985 Regolamenti ta' l-1985 dwar il-Kontroll tal-Medicini - ir-regolamenti principali- kif sussegwentement emendati citat fl-ewwel kap tal-att ta' l-akkuza jiddisponi li *"Ebda persuna , jekk ma tkunx awtorizzata kif imiss, ma jista' jkollha fil-pussess taghha xi medicina specifikata."* Kjarament dan ir-regolament ma jirrigwardax il-projbizzjoni tal-importazzjoni ta' medina specifikata. Tali projbizzjoni invece tinstab fir-regolament 4 (2) (i) li jiddisponi li *"Ebda persuna ma tista' timporta, tahzen jew tbiegh xi medicina bl-ingrossa kemm il-darba ma jkollhiex licenzja specifika ghalhekk minnghand is-Supratendent."* (tas-Sahha Pubblika).

Ghalhekk l-akkuzat ghandu ragun in parte meta jghid li ma giex citat l-artikolu li jikkontempla r-reat ghaliex, ghalkemm il-ksur ta' dan ir-Regolament hu kontemplat bhala reat mill-Art. 102A (1) (a) li gie debitament u korrettement citat fl-att ta' l-akkuza, ir-regolament li qed jigi allegat li inkiser gie citat hazin ghax minnflok ir-regolament 4 (2) (i), gie citat ir-regolament 5 (1).

Issa l-artikolu 589 (d) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li fost ir-rekwiziti tal-att ta' l-akkuza, trid issir it-talba *"sabiex l-istess akkuzat jigi ikkundannat ghall-piena stabbilita mill-ligi (hawn jinghid l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat) jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi dikjarat hati l-akkuzat."*

Mela ghandu jissemma l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat biss ghall-fini tat-talba dwar il-piena. Issa, skond l-artikolu 599 (2) tal-Kodici Kriminali kull zball fir-referenza ghall-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' ligi ohra li ssemmi l-piena li l-applikazzjoni taghha tkun giet mitluba fl-att ta' l-akkuza, jista' jigi korreggut f' kull zmien sakemm tinghata

s-sentenza. Dan oltre dak li gja gie osservat b' riferenza ghall-artikolu 597 (1) u (2) dwar korrezzjoni ta' zbalji fl-att ta' l-akkuza.

Ghalhekk dan id-difett fl-att tal-akkuza, li gustament qed jilmenta minnu l-akkuzat, ma jwassalx ghan-nullita tal-ewwel kap tal-att tal-akkuza kif qed jippretendi l-akkuzat, ghaliex jista' jigi rimedjat bil-korrezzjoni opportuna, kif ser jigi ordnat minn din il-Qorti fil-parti dispozittiva tas-sentenza.

Illi l-**hames (5) eccezzjoni** hija fondata, imma issa stante l-korrezzjoni miftehma mill-partijiet u awtorizzata minn din il-Qorti bid-Digriet taghha tas-6 ta' Gunju, 2008, fuq imsemmi, ma ghadx hemm lok ta' provvediment fuq din l-eccezzjoni ghax il-piena hija proprju dik miftehma erogabbli skond l-artikolu 120A (2) (a) (ii), kif jinsab gja korreggut l-att ta' l-akkuza. Di fatti din l-eccezzjoni giet irtirata mill-akkuzat bin-nota tat-8 t' Ottubru, 2008, fuq imsemmija.

Is-**sitt (6) eccezzjoni** li l-konfiska mitluba fl-ewwel kap ma hix kontemplata fil-ligi hija ben fondata w qed tigi milqugha ghaliex l-artikolu 22(3A) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) rez applikabbli ghall-Kap.31 permezz tal-artikolu 120A(2B) ma japplikax ghar-reat li bih qed jigi akkuzat Martin Spiteri ghaliex ir-reat mhux wiehed minn dawk imsemmija fl-artikolu 120A (2A) tal-Kap.31. Konsegwentement ir- referenza ghall-*"konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja"* fl-ahhar paragrafu tal-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza,  hija hazina u ghandha titnehha mill-versjoni korregguta ta' dan l-att ta' l-akkuza, kif ser jigi ordnat fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza.

Is-**seba (7) eccezzjoni** li l-artikoli 22A, 22B, 22E u 27 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, citati fl-ewwel kap tal-att ta' l-akkuza, huma rrilevanti, hija ukoll ben fondata w qed tigi milqugha ghax dawn jirriferu ghall-proceduri li jittiehdu mhux mal-kundanna imma fi stadju bikri tal-process kriminali meta persuna titressaq b'akkuza quddiem il-Qrati. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi

milqugha w l-Qorti ukoll ser tordna fil-parti dispozittiva tas-sentenza li fl-att tal-akkuza kif korrett titnehha ir-referenza ghal dawn l-artikoli fl-ahhar paragrafu tal-ewwel kap.

Ikkonsidrat;

Illi l-eccezzjonijiet dwar it-tieni Kap tal-att ta' l-akkuza issa ser jigu trattati *seriatim*.

It-**tmin (8) eccezzjoni**, ghalkemm fondata, hija issa sorpassata bl-ordni ghall-korrezzjoni li qed jigi maghmul b' din is-sentenza w ghalhekk issa ma ghadhiex treggi. Fil-parti dispozittiva tas-sentenza ser ikun hemm ordni biex l-Attt ta' l-akkuza jigi korrett billi fit-tieni kap kull fejn hemm riferenza ghall-*"medicina perikoluza*" din tigi sostitwita bl-espressjoni *"medicina psikotropika"* w kull fejn hemm l-espressjoni *"ikkontrollata w ristretta"* din tigi sostitwita bil-kelma *"specifikata".*

**Id-disa' (9) eccezzjoni,** li t-tieni kap hu null ghax ir-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt , fis-sustanza , bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi, issa hija ukoll infondata in vista tal-korrezzjoni fuq imsemmija u li ser tigi ordnata. Di fatti issa il-parti akkuzatorja tat-tieni kap issa ser tkun taqra hekk: *"Illi b' ghemilu Martin Spiteri sar hati talli kellu fil-pussess tieghu il-medicina psikotropika amphetamine li hija specifikata bil-ligi taht it-Tielet Skeda……meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza"* , eccetera u dan il-kliem jirrifletti sew u fis-sustanza t-test tal-ligi kontenut fir-Regolament 5 (1) tar-Regolamenti tal-1985 dwar il-Kontroll tal-Medicini (A.L. 22/1985) li f' dan il-kap gie citat korrettement mill-Avukat Generali fl-ahhar paragrafu. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

**l-ghaxar (10) eccezzjoni** tghid li t-tieni kap hu null ghax il-fatt migjub ma jikkostitwix , fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt fl-istess kap. F' dan il-Kap l-Avukat Generali jibda biex jghid li *"Martin Spiteri kellu fil-pussess tieghu 988.4 grammi amphetamine* ." Umbaghad bil-korrezzjoni li ser tigi ordnata minn din il-Qorti ikompli jghid li : *"Illi l-imsemmija amphetamine , hija medicina psikotropika*

*specifikata bil-ligi u taqa' taht it-Tielet Skeda …u l-imsemmi Martin Spiteri ma kellu ebda permess u awtorizzazzjoni skond l-imsemmija ligi sabiex ikollu fil-pussess tieghu l-imsemmija sustanza*." Din il-Qorti tara, li l-fatti f' dan il-kap, kif issa korreggut, jirriflettu pjenament id-dicitura tar-Regolament 5 (1) tal-A.L. 22 tal-1985. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija infondata w qed tigi michuda.

**Il-hdax (11) l-eccezzjoni** tghid li l-piena mitluba f' dan il-kap mhix kontemplata fil-ligi. Kif intqal fil-kaz tat-tielet eccezzjoni din l-eccezzjoni hija fondata, imma issa, stante l-korrezzjoni miftehma mill-partijiet u awtorizzata minn din il-Qorti bid-Digriet taghha tas-6 ta' Gunju, 2008, fuq imsemmi, ma ghadx hemm lok ta' provvediment fuq din l-eccezzjoni ghax il-piena hija proprju dik miftehma erogabbli skond l-artikolu 120A (2) (a) (ii), kif jinsab gja korreggut l-att ta' l-akkuza. Di fatti din l-eccezzjoni giet irtirata mill-akkuzat bin-nota tat-8 t' Ottubru, 2008, fuq imsemmija.

**It-tnax (12) l-eccezzjoni** tghid li l-konfiska mitluba fit-tieni kap mhux kontemplata fil-ligi. Kif gja gie deciz fis-sitt eccezzjoni, din l-eccezzjoni hija ben fondata w qed tigi milqugha ghaliex l-artikolu 22(3A) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) rez applikabbli ghall-Kap.31 permezz tal-artikolu 120A(2B) ma japplikax ghar-reat li bih qed jigi akkuzat Martin Spiteri ghaliex ir-reat mhux wiehed minn dawk imsemmija fl-artikolu 120A (2A) tal-Kap.31. Konsegwentement ir- referenza ghall-*"konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja"* fl-ahhar paragrafu tat-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza, hija hazina w ghandha titnehha mill-versjoni korregguta ta' dan l-att ta' l-akkuza, kif ser jigi ordnat fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza.

**It-tlittax (13) l-eccezzjoni** hija li l-artikoli 22A, 22B, 22E u 27 tal-Kap.101 citati fl-ahhar paragrafu tat-tieni kap huma rrilevanti ghar-reat kontemplat f' dan il-kap, ghall-istess ragunijiet indikati meta kienet qed tigi deciza is-seba' eccezzjoni, hija ukoll ben fondata u qed tigi milqugha ghax

dawn irriferu ghall-proceduri li jittiehdu mhux mal-kundanna imma fi stadju bikri tal-process kriminali meta persuna titressaq b'akkuza quddiem il-Qrati. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi milqugha w l-Qorti ukoll ser tordna fil-parti dispozittiva tas-sentenza li fl-att tal-akkuza kif korreggut titnehha r-referenza ghal dawn l-artikoli fl-ahhar paragrafu tat-tieni kap.

Ikkonsidrat;

Illi l-Qorti issa ser tittratta l-eccezzjoni li tirrigwarda t-**tielet kap** tal-att ta' l-akkuza, fl-**erbaghtax (14) l-eccezzjoni.** Din tghid li ma giex citat l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li f' dan il-kaz hu dak ta' importazzjoni tal-pjanta cannabis. Issa fl-ahhar paragrafu ta' dan il-kap, l-Avukat Generali ccita l-artikoli l-artikoli 7, 8 (a) u 22 u 26 tal-Kap.101 u ma ccitax l-artikolu 15A. Issa fil-waqt li l-artikolu 7 jghid li hadd ma jista' jimporta jew igib f' Malta …**raza** mehuda mill-pjanta cannabis (emfasi w sottolinear ta' din il-Qorti), hawn non si tratta ta' raza tal-pjanta cannabis - ghall-inqas mill-fatti kif esposti f' dan il-kap. Ghalhekk l-artikolu 7 tal-Kap. 101 hu irrilevanti w ma japplikax ghall-kaz. L-artikolu 8 ukoll fid-diversi ipotesijiet li jikkontjeni ma jikkontemplax ir-reat ta' importazzjoni ta' l-pjanta cannabis *ut sic*. Invece hu l-artikolu 15A li jaghmel dan, kif korrettement jissottometti l-akkuzat.

Pero', kif gie deciz fil-kaz ta' r-raba' eccezzjoni dan in-nuqqas ma jwassalx ghan-nullita' ta' dan il-kap, ghaliex, skond l-artikolu 597 (2) tal-Kodici Kriminali, kull zball fl-att ta' l-akkuza, jista' jigi korreggut anki mill-Qorti *ex officio*.

Ghalhekk dan id-difett fl-att tal-akkuza li gustament qed jilmenta minnu l-akkuzat ma jwassalx ghan-nullita tat-tielet kap tal-att tal-akkuza kif qed jippretendi l-akkuzat, ghaliex jista' jigi rimedjat bil-korrezzjoni opportuna, tas-sostituzzjoni tal-artikoli 7 u 8 bl-artikolu 15A tal-Kap. 101, kif ser jigi ordnat minn din il-Qorti fil-parti dispozittiva tas-sentenza.

**Il-hmistax (15) l-eccezzjoni** hi fis-sens li l-konfiska mitluba fir-raba kap ma hix kontemplata ghar-reat ta'

pussess semplici tal-pjanta cannabis. L-akkuzat jissottometti li l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap.101 li jikkontempla l-konfiska tal-assi tal-hati ma japplikax ghal dan ir-reat ghax dan mhux inkluz fis-subartikolu (1) tal-art. 24A tal-istess Kap.101. Ghalkemm l-artikolu 24A jitkellem dwar *"ordni ta' investigazzjoni"* li l-Qorti tista' tordna fic-cirkostanzi u l-ipotesijiet kontemplati fis-subartikolu (1) (a) sa (e) tal-istess art. 24A, l-artikolu 22(3A) jaghmel riferenza ghall-dawn l-istess ipotesijiet biex tkun tista' tigi applikata l-konfiska kontemplata fis-subartikolu (d) tieghu.

Hu fatt li hawn trattandosi ta' pussess semplici tal-pjanta cannabis dan ma jgibx il-konsegwenza sanzjonali tal-konfiska tal-beni. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija ben fondata, u din il-Qorti ser tordna li din it-talba titnehha mill-kap numru erbgha b' korrezzjoni opportuna.

**Is-sittax (16) l-eccezzjoni** hi fis-sens li l-**hames kap** hu null in kwantu r-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt, fis-sustanza, bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi. Dan il-kap jirriferi ghall-pussess illegali ta' hames pilloli ecstasy. Fil-parti esposittiva ta' dan il-kap, l-Avukat Generali jppremetta li l-pilloli ecstasy, li fihom is-sustanza methylenedioxymethamphetamine li hija designer drug maghrufa bhala MDMA, huma kontrollati w ristretti bil-ligi taht it-tielet skeda, Part A, tal-Kap. 31 u li l-akkuzat ma kellu ebda permess jew awtorizzazzjoni skond l-imsemmija ligi sabiex ikollu fil-pussess tieghu l-imsemmija pilloli ecstacy jew sustanza.

Umbaghad izid jghid li l-akkuzat hu hati talli kellu pussess ta' medicina perikoluza bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.31. (sottolinear ta' din il-Qorti)

Umbaghad fil-parti akkuzatorja jakkuza lil Martin Spiteri li kellu fil-pussess tieghu d-droga psikotropika ecstasy kontenti s-sustanza methylenedioxymethamphetamine li huma kontrollati u ristretti bil-ligi taht it-tielet skeda, Part A, tal-Kap. 31 meta l-akkuzat ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi r-Regolament 3 (1) tal-A.L. 22 tal-1985 jiddisponi li *"Ebda persuna ma tista' …ikollha fil-pussess taghha xi medicina ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent"* (tas-sahha pubblika). Ghalhekk certament ir-riferenza ghall-medicina "perikoluza" fit-tielet paragrafu hija zbaljata . Inoltre ma ssemmiex espressament li l-akkuzat ma kellux awtorizzazzjoni bil-mktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika.

Dan pero' ghar-ragunijiet fuq esposti ma jgibx in-nullita' ta' dan il-kap u l-Qorti *ex officio* qed tordna l-korrezzjonijiet opportuni biex ir-reat dedott jigi deskritt f' termi aktar precizi li jirrispekkjaw ir-reat kif deskritt fil-ligi. Ghalhekk fil-waqt li tilqa' limitatament l-ecezzjoni din il-Qorti ser tordna korrezzjoni biex fit-tieni paragrafu jithassru l-kliem *"permess u awtorizzazzjoni skond l-imsemmija ligi*" u minnflok jidhlu l-kliem *"awtorizzazzjoni bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika"* Tordna ukoll li fit-tielet paragrafu tal-hames kap tigi kancellata l-kelma : *"perikoluza*" u sostitwita bil-kliem : *"psikotropika w ristretta minghajr awtorizzazzjoni bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika".* Tordna wkoll li fir-raba paragrafu tal-hames kap minnflok il-kliem : *"u permess"* li ghandhom jithassru jidhlu l-kliem : *"bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika"*

**<u>Is-sbatax (17) l-eccezzjoni</u>** li ma giex citat l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat hija ben fondata ghaliex minnflok ir-Regolament 3 (1) tal-Avviz Legali 22/1985 gie erronjament citat ir-Regolament 5 (1) li jirrigwarda medicina psikotropika <u>specifikata</u> u mhux medicina <u>ristretta</u> kif hu allegat li hi f' dan il-kaz.

Anki hawn pero' minnkejja l-eccezzjoni tan-nullita' sollevata din il-Qorti, in forza tal-artikolu 597 (2), ser tordna "ex officio" l-korrezzjoni ulterjuri ta' dan il-kap billi minnflok il-figura "5 (1) " tidhol il-figura "3 (1) fl-ahhar paragrafu tal-hames kap.

**<u>It-tmintax (18) l-eccezzjoni</u>** hi ukoll fondata ghaliex il-konfiska mitluba fil-hames kap ma hijiex kontemplata ghar-reat ta' pussess ta' medicina psikotropika w ristretta.

L-artikolu 22 (3A) tal-Kap. 101 rez applikabbli ghall-Kap.31 bl-artikolu 120A (2B) ma japplikax ghar-reat allegat ghax dan mhux wiehed minn dawk li jissemma fl-imsemmi art. 120 (2A) tal-Kap.101. Ghalhekk hawn ukoll il-Qorti *ex officio* ser tordna li l-kliem : *"u l-konfiska favur il-Gvern ..tal-persuna hekk misjuba hatja"* jithassru mill-ahhar paragrafu tal-hames kap.

**<u>Id-dsatax (19) l-eccezzjoni</u>** hi ukoll ben fondata ghax l-artikoli 22A, 22B 22E u 27 tal-Kap.101 huma manifestament irrilevanti ghar-reat dedott f' dan il-Kap ghar-ragunijiet gja spjegati meta din il-Qorti kienet qed tittratta s-seba' u tlettax l-eccezzjoni supra.

Ghalhekk il-Qorti ser tordna l-kanncellament taghhom mill-ahhar paragrafu tal-hames Kap.

Ikkonsidrat;

Issa l-Qorti ser tghaddi biex tittratta *seriatim* l-eccezzjonijiet rigwardanti <u>s-sitt Kap</u> ta' l-Att ta' l-Akkuza.

**<u>L-eccezzjoni numru ghoxrin (20)</u>** hija fis-sens li s-sitt kap hu null ghax ir-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt fis-sustanza bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi. L-akkuzat jispjega li r-reat ta' pussess ta' medicina perikoluza (kokaina) hu kontemplat fir-Regola 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (A.L. 292/1939) u d-dicitura uzata f' dan il-kap ma hix l-istess bhal dik uzata . Ghalhekk jargumenta li r-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt fis-sustanza bhal ma hu migjub fil-ligi.

Fl-att ta' l-akkuza l-Avukat Generali ma jaghmilx riferenza ghar-Regola invokata mill-Akkuzat u jirriferi biss ghall-artikoli 9 , 10 (1) 12, 14(1) (5) , 15A 20, 22, u 26 tal-Kap. 101. L-art. 9 hu biss *enabling article* li jaghti s-setgha lill-Ministru responsabbli ghas-sahha pubblika biex jaghmel regolamenti biex jikkontrolla l-materja ta' medicini w partikolarment biex jikkontrolla w jillimita l-pussess ta' dawn il-medicini (Art. 9. (1) (e). Ghalhekk ma johloq ebda reat per se. L-art. 10 (1) jindika biss li l-medicini li

ghalihom tghodd dik it-taqsima tal-Ordinanza huma dawk imsemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab maghha, f' liema skeda tissemma l-Kokaina. L-art. 12 hu artikolu ta' tifsir (definitions clause) biss u ma johloq ebda reat per se. L-artikolu 14 (1) jitkellem fuq awtorizzazzjonijiet li jista' jaghti t-Tabib Principali tal-Gvern biex jigu importati medicini perikoluzi. Is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu ma jezistix. L-artikolu 15A jipprojbixxi l-esportazzjoni jew importazzjoni f' Malta ta' medicini perikoluzi u ghalhekk zgur li m'ghandu ebda rilevanza ghall-kaz. L-art. 20 jirrigwarda kundizzjonijiet u pattijiet li jistghu isiru mall-hrug ta' licenzji, permessi jew awtorizzazzjonijiet mahruga shond l-Ordinanza. Ghalhekk dawn l-artikoli kollha ma joholqu ebda reat.

L-artikolu 22 (1) citat mill-Avukat Generali invece jghid li jkun hati ta' reat kull min jaghmel xi haga elenkata fis-sub-sub incizi (a) sa (f) li ma jsemmux espressament ir-reat ta' pussess semplici tad-droga perikoluza kokaina.

Fin-Nota tieghu spjegattiva tat-3 ta' Marzu, 2008, l-akkuzat irrileva li l-projbizzjoni tal-pussess semplici tal-kokaina jinsab fir-Regola 9 tal-Avviz tal-Gvern 292 tal-1939, li pero' ma giex citat mill-Avukat Generali f' dan il-kap. Proprjament mhux hekk u anki l-akkuzat hawn ghamel zball ghaliex ir-regola rilevanti hija **r-regola 8** u mhux ir-regola 9.

Din ir-Regola 8 tghid testwalment hekk :-

*"Hadd ma ghandu jkun fil-pussess ta' jew jittanta li jkun fil-pussess ta' xi droga, kemm il-darba -*
*(a) ma jkunx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza; jew*
*(b) huwa ma jkunx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni din id-droga; jew*
*(c) huwa ma jkunx b' xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-President ta' Malta jew mhux awtorizzat f' dawn ir-Reguli jew b' awtorita' moghtija mill-President ta' Malta b gli jkollu d-droga fil-pussess tieghu; jew*

*(d) huwa ma jippruvax illi d-droga kienet fornuta ghall-uzu tieghu skond dik ir-ricetta, kif imsemmi qabel."*

Ikkonsidrat;

Li ghalkemm fis-sustanza jidher li l-mod kif gie redatt is-sitt kap ta' l-att tal-akkuza jirrifletti b' mod generiku il-mod kif ir-reat hu deskritt fil-ligi, ikun aktar preciz li jintuza l-kliem preciz tar-regula appena citata u ghalhekk, fil-waqt li tichad l-eccezzjoni tan-nullita' tas-sitt kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, tordna u taghti direttiva biex issir korrezzjoni billi b' zieda ma dak li hemm fit-tielet u fir-raba' paragrafu ta' dan il-kap ghandhom jigu riprodotti il-kliem tal-ligi fuq citati fis-sub-incizi (a) sa (d) tal-imsemmija Regula.

**<u>l-Eccezzjoni numru wiehed u ghoxrin (21)</u>** hi fis-sens li s-sitt kap hu null in kwantu l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ma giex citat. Kif gja gie espost meta l-Qorti kienet qed tittratta l-eccezzjoni immedjetament precedent ghal din, dan hu minnu. Dan pero' ma jgibx necessarjament ghan-nullita'; tas-sitt Kap ghax din l-ommissjoni tista' tigi korregguta billi wara l-kliem : *"Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101)"* fl-ahhar paragrafu tas-sitt kap ta' l-att ta' l-akkuza , jidhlu l-kliem : *"u r-Regula 8 tar-Reguli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l-1939")* u dan dejjem in forza tas-setghat moghtija lil din il-Qorti bl-artikolu 597 (2) u 599 tal-Kodici Kriminali fuq citati.

**<u>L-eccezzjoni numru tnejn u ghoxrin (22)</u>** hi li l-konfiska mitluba fis-sitt kap ma hix kontemplata fil-ligi u dan ghaliex hawn si tratta ta' pussess semplici tal-medicina perikoluza kokaina u l-artikolu 22(3A) tal-Kap.101 ma japplikax ghax mhux imsemmi fis-subartikolu (1) tal-artikolu 24A tal-istess Ordinanza. Din l-eccezzjoni hi ben fondata u qed tigi milqugha. Ghalhekk din il-Qorti ser tordna li fis-sitt kap fl-ahhar paragrafu wara l-kliem : *"li dwarhom sar ir-reat"* jigu kancellati l-kliem : *<u>"u l-konfiska favur il-Gvern …..f' xi post barra minn Malta".</u>*

**<u>Qabel ma tghaddi ghall-parti dispozittiva tas-sentenza, din il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax bil-qawwa kollha il-mod zbaljat u addirittura traskurat li bih gie redatt dan l-att ta' l-akkuza mill-ufficju tal-Avukat Generali, b' mod li nnecessita korrezzjonijiet estensivi b' xoghol inutili ghal din il-Qorti w b' hela ta' zmien li seta' jigi dedikat ghal xoghol iehor urgenti w pressanti. Dan m'ghandux ikun !</u>**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' w tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa' t-talba tal-Avukat Generali biex isiru l-korrezzjonijiet minnu mitluba fl-ewwel u fit-tieni kap tal-att ta' l-akkuza fuq elenkati w cioe' billi fl-Ewwel u fit-Tieni Kap kull fejn tirrikorri l-kelma *"perikoluza"* din tigi kancellata w sostitwita bil-kelma *"psikotropika".*

u,

Fit-tieni lok, tiddisponi mill-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat bil-mod kif gej:-

1. tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-akkuzat.
2. Tichad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-akkuzat.
3. Tichad it-tielet eccezzjoni preliminari tal-akkuzat.
4. Tichad ir-raba' eccezzjoni preliminari tal-akkuzat tan-nullita' ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza izda, bis-sahha ta' dak li jipprovdu l-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali, taghti direttiva sabiex fl-ahhar paragrafu tal-ewwel kap issir korrezzjoni billi minflok il-figura "5 (1)", li ghandha tigi kancellata, tidhol l-figura "4 (2)(1)".
5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames eccezzjoni stante li din issa giet komposta bil-korrezzjoni gja ordnata minn din il-Qorti fuq talba taz-zewg partijiet u li din l-eccezzjoni giet irtirata bin-nota tat-8 t' Ottubru, 2008.
6. Tilqa' is-sitt eccezzjoni preliminari tal-akkuzat u bis-sahha ta' dak li jipprovdu l-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali, taghti direttiva sabiex fl-ahhar paragrafu tal-ewwel kap issir korrezzjoni billi l-kliem : -*"konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja"* fl-ahhar paragrafu tal-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza, jigu kancellati.

7. Tilqa' is-seba' eccezzjoni preliminari tal-akkuzat billi tiddikjara li l-artikoli 22A, 22B, 22E u 27 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, citati fl-ewwel kap tal-att ta' l-akkuza, huma rrilevanti w, bis-sahha ta' dak li jipprovdu l-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali, taghti direttiva sabiex fl-ahhar paragrafu tal-ewwel kap issir korrezzjoni billi l-kliem u figuri: *"kif ukoll 22A, 22B, 22E u 27 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101)"* jigu kancellati.

*8.* Tichad it-tmin eccezzjoni tan-nullita' tat-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza, pero', bis-sahha ta' dak li jipprovdu l-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali, taghti direttiva sabiex fit-tieni kap issir korrezzjoni billi kull fejn hemm riferenza ghall-*"medicina perikoluza*" din tigi sostitwita bl-espressjoni *"medicina psikotropika"* w kull fejn hemm l-espressjoni *"ikkontrollata w ristretta"* din tigi sostitwita bil-kelma *"specifikata".*

9. Tichad id-disa' eccezzjoni preliminari tal-akkuzat.

10. Tichad l-ghaxar eccezzjoni preliminari tal-akkuzat.

11. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hdax il-eccezzjoni stante li din issa giet komposta bil-korrezzjoni gja ordnata minn din il-Qorti fuq talba taz-zewg partijiet u li din l-eccezzjoni giet irtirata bin-nota tat-8 t' Ottubru, 2008.

12. Tilqa' it-tnax l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat u, bis-sahha ta' dak li jipprovdu l-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali, taghti direttiva sabiex fl-ahhar paragrafu tat-tieni kap issir korrezzjoni billi l-kliem : *-"konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja"* jigu kancellati.

13. Tilqa' t-tlettax l-eccezzjoni tal-akkuzat billi tiddikjara li l-artikoli 22A, 22B, 22E u 27 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, citati fit-tieni kap tal-att ta' l-akkuza, huma rrilevanti w, bis-sahha ta' dak li jipprovdu l-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali, taghti direttiva sabiex fl-ahhar paragrafu tat-tieni kap issir korrezzjoni billi l-kliem u figuri: *" 22A, 22B, 22E u 27"* jigu kancellati.

14. Tichad l-erbaghtax l-eccezzjoni tan-nullita' tat-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza izda, bis-sahha ta' dak li jipprovdu l-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali, taghti direttiva sabiex fl-ahhar paragrafu tat-tielet kap issir korrezzjoni billi minflok il-figura *"7 u 8(a)"* li ghandhom jigu kancellati, tidhol l-figura *"15A".*

15. Tilqa' l-eccezzjoni numru hmistax tal-akkuzat u, bis-sahha ta' dak li jipprovdu l-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali, taghti direttiva sabiex fl-ahhar paragrafu tar-raba' kap issir korrezzjoni billi l-kliem:-*"u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes ….f' xi post barra minn Malta"* jigu kancellati.
*16.* Tichad is-sittax l-eccezzjoni tan-nullita' tal-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza izda, bis-sahha ta' dak li jipprovdu l-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali, taghti direttiva sabiex issir korrezzjoni biex fit-tieni paragrafu jithassru l-kliem *"permess u awtorizzazzjoni skond l-imsemmija ligi*" u minnflok jidhlu l-kliem *"awtorizzazzjoni bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika"* Tordna ukoll li fit-tielet paragrafu tal-hames kap tigi kancellata l-kelma : *"perikoluza*" u sostitwita bil-kliem : *"psikotropika w ristretta minghajr awtorizzazzjoni bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika".* Tordna wkoll li fir-raba paragrafu tal-hames kap minnflok il-kliem : *"u permess"* li ghandhom jithassru jidhlu l-kliem : *"bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika"*
17. tichad is-sbatax l-eccezzjoni tal-akkuzat pero', in forza tal-artikolu 597 (2), ser tordna *"ex officio"* l-korrezzjoni ulterjuri ta' dan il-hames kap billi fl-ahhar paragrafu tieghu, minnflok il-figura *"5 (1)"* li ghandha tigi kancellata*,* tidhol il-figura *"3 (1)* ".
18. Tilqa' t-tmintax l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat w tordna li l-kliem : *"u l-konfiska favur il-Gvern ..tal-persuna hekk misjuba hatja"* jithassru mill-ahhar paragrafu tal-hames kap.
19. Tilqa' d-dsatax l-eccezzjoni preliminari billi tiddikjara l-artikoli 22A, 22B 22E u 27 tal-Kap.101 huma manifestament irrilevanti ghar-reat dedott fil-hames Kap u, bis-sahha ta' dak li jipprovdu l-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali, taghti direttiva sabiex fl-ahhar paragrafu tal-hames kap issir korrezzjoni billi l-figuri: *" 22A, 22B, 22E, 27"* jigu kancellati.
20. Tichad l-ghoxrin il-eccezzjoni preliminari tan-nullita' tas-sitt Kap tal-Att ta' l-Akkuza, pero', in forza tal-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali tordna li wara t-tielet u wara r-raba paragrafu ta' dan il-kap ghandhom jizdiedu l-kliem : "u b' dana *ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni*

*mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza w ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni din id-droga w ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-President ta' Malta jew mhux awtorizzat f' dawn ir-Reguli jew b' awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu w ma ppruvax illi d-droga kienet fornuta ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta."*

21. Tichad il-wiehed u ghoxrin eccezzjoni tan-nullita' tas-sitt kap ta' l-att ta' l-akkuza, pero, in forza tal-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali, tordna li wara il-kelma u figura (Kap.101) fl-ahhar paragrafu ta' dan il-kap, jidhlu l-kliem u figuri : " *"u r-Regula 8 tar-Reguli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l-1939)."*

*22.* Tilqa' t-tnejn u ghoxrin eccezzjoni preliminari tal-akkuzat u ghalhekk tordna li fis-sitt kap fl-ahhar paragrafu wara l-kliem : *"li dwarhom sar ir-reat"* jigu kancellati l-kliem : *"u l-konfiska favur il-Gvern …..f' xi post barra minn Malta" .*

Finalment tordna li l-Att ta' l-Akkuza, kif issa ulterjorment korreggut, jerga' jigi notifikat lill-akkuzat skond il-ligi.

Il-kawza qed tigi ddifferita *"sine die",* sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi appell eventwali w, f'kaz li ma jsirx appell jew wara li tali appell jigi deciz, sabiex tigi appuntata ghas-smiegh bil-gurati, skond meta jmissha t-turn taghha skond il-ligi.

Sadattant l-akkuzat ghandu jibqa' fl-istess stat li jinsab fih sal-lum ghal dak li jirrigwarda l-liberta' provizorja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------